TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 518/11 (JE).

Renė Debono

vs

Fair Deal Furniture Malta Ltd.

Illum, 18 ta' Ottubru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Renė Debono li fih qal illi f'anqas minn sitt xhur li ġie kkunsinjat is-sufan mixtri mingħand is-soċjetà konvenuta, beda jinnota li f'żewġ partijiet differenti, il-materjal beda jitqaxxar u dana t-tqaxxir beda jiżdied. Is-soċjetà konvenuta wegħdiethu illi l-partijiet affetwati sejrin jinbidlu imma dana qatt ma seħħ u għalhekk, l-attur talab ir-rimpjazzar ta' dan is-sufan jew ir-rifużjoni ta' l-ammont imħallas ta' € 770.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi s-sufan ma kienx qed jitqaxxar imma kien qed jittaqqab u dan ma jsirx waħdu u għalhekk l-garanzija ma tapplikax għax il-ħsara twettqet mill-attur innifsu.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attur qed jallega illi s-sufan in kwistjoni qed jitqaxxar u dana t-tqaxxir beda ftit wara l-kunsinna. In sostenn ta' dan, esebixxa bosta ritratti. Isostni ukoll illi s-soċjetà konvenuta wegħdet illi ser tirrimedja billi tbiddel il-partijiet tas-sufan affetwati imma naqset illi tagħmel hekk.

Is-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda prova biex tirribatti dak illi qed jallega l-attur jew in sostenn tat-teżi tagħha illi si tratta minn ħsara illi twettqet mill-attur. It-Tribunal iħoss illi l-verżjoni tal-attur hija kredibbli, illi l-attur ipprova l-każ tiegħu fil-grad mitlub mil-liġi u illi s-soċjetà konvenuta biegħet lill-attur prodott illi m'huwiex tal-kwalità pattwita u konformi mal-prodott illi suppost ġie kkunsinjat lill-attur.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi u jordna illi s-soċjetà konvenuta tbiddel is-sufan in kwistjoni fi żmien xahrejn mil-lum. Fin-nuqqas illi dan iseħħ, is-soċjetà konvenuta tkun obbligata illi tirrifondi lill-attur l-ammont ta' € 770 bl-imgħax legali mid-data tas-26 ta' April 2012 meta ġie notifikat l-avviż odjern sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.